**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 47 – 2 ta’ Gunju 2011**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta’ filgħaxija u saret Agenda 47. Il-laqgha bdiet fis-7 ta’ filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |

Pubbliku: Hadd

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta’ Agenda 46 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu hekk kif ipprezentati (117).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal punt 2.1.2 tal-minuti ta' Agenda 46 u nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq Triq il-Buskett kien tlesta ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li hekk kif kien semma fl-ahhar laqgha tal-Kunsill ix-xoghol kien twaqqaf temporanjament wara li l-perit tal-kunsill kien gibed l-attenzjoni li x-xoghol ma kienx qieghed isir skond l-ispecifikazzjonijiet tat-tender. Is-Sindku qal li wara numru ta' tahdidiet u spezzjonijiet fuq il-post ix-xoghol sar kif suppost u issa wiehed jista jghid li l-Kunsill irnexxielu jwettaq dan il-progett fuq triq li qatt ma kien sarilha xoghol ta' tarmac minn zmien l-Inglizi meta saret l-ewwel darba.

2.1.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta b' sodisfazzjon ghall-fatt li x-xoghol kien tlesta fl-ahhar. Il-Kunsillier Cortis qal li rcieva numru ta' lmenti ghal fatt li l-bicca ta' N/S fi Triq il-Kandlora li tigi bejn iz-zewg frieghi ta' Triq il-Buskett ma tkomplewx. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan ix-xoghol ma kienx imnizzel fil-kuntratt originali, filwaqt li l-WSC ghandha pjanijiet li taghmel xi xoghol f' din il-bicca tat-triq.

2.1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex f' tenders futuri jkun hemm attenzjoni akbar ghal multi u *deadlines* sabiex jigi evitat sitwazzjoni bhalma grat fuq Triq il-Buskett. Is-Sindku spjega li f' din is-sitwazzjoni l-problema giet minnhabba x-xoghol ta' drenagg u mains tal-ilma li kien apparti t-tender tal-kunsill, u li din is-sitwazzjoni diga kienet qed tigi indirizzata ghal tenders futuri.

2.1.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li meta saret Triq il-Buskett il-kunsill kellu jara li jnaqqas it-tidwir li hemm f' din it-triq minhabba li issa bit-tarmac kien se jkun hemm aktar overspeeding u minhabba t-tidwir kien se jikber ic-cans ta' incidenti. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li din l-idea kien ilha tissemma hafna fil-kazini, izda din kienet tinvolvi espropjazzjoni ta' art liema process ma jaqax taht ir-responsabilta tal-kunsill u apparti minn hekk din kienet triq fil-kampanja u huwa kien ihoss li ghandha zzomm din il-karatteristika.

2.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal punt 5.1 tal-minuti ta' Agenda 46 u nforma lill-Kunsilliera li d-dokument tat-tender ta' Vjal il-Helsien kien lest u diga kienu dehru l-avvizi fuq il-gazzetti. Is-Sindku spjega li b' referenza ghal artiklu li deher fuq gurnal lokali, huwa xtaq jenfasizza u dan seta jikkonfermah il-kunsillier Mario Borg li malli lahaq

Sindku kien hu li ghamel appuntament mal-Onor Dr. Chris Said u ntalbet l-ghajnuna tal-gvern sabiex issir din it-triq u din l-ghajnuna inghatat biss wara l-hidma tal-kunsill u l-hidma tal-Onor Said. Is-Sindku kompla jghid li Vjal il-Helsien kienet l-entratura tar-rahal u bix-xieraq li din tkun l-ahjar triq fil-lokal.

2.2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li meta kien Sindku hu, l-ex Ministru Jesomnd Mugliett kien weghdu li din it-triq issir kollha kemm hi mill-Gvern izda kien jidher li dawn irtiraw mill-kelmthom.

2.2.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jkun jaf kemm kien il-finanzjament li alloka l-Gvern ghal dan il-progett u kemm kien inghata flus sa dak il-mument il-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-gvern kien alloka lill-Kunsill €400,000 u sa dak il-hin kien ghadda biss €100,000.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill stedina minn naha tas-sinjura Claudette Abela Baldacchino fil-vesti taghha ta' producer ta' programmi televizivi fuq One Tv. Din l-istedina kienet tikkonsisti f' sensiela ta' programmi jisimhom 'Konfini mill-Pjazza', li se jixxandar minn numru ta' lokalitajiet madwar Malta u Ghawdex. Is-Sindku qal li huwa accetta din l-istedina u kien infurmat li anke NET Tv u PBS kienu qed jaghmlu programmi simili u jghid bla tlaqlieq li jekk javvicinawh dawn ukoll kien jigi quddiemhom ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li l-hlas ta' partecipazzjoni kien ta' €1,000 vat inkluz u dan kien jaqa' fil-parametru tieghu bhala Sindku. Is-Sindku spjega li l-filming kien se jsir nhar il-Hamis 23 ta' Gunju fl-4.30pm fil-pjazza u kulhadd kien mistieden ghalih.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-gimghat ta' qabel kien hemm disgwid mal-kumpanija TCTC li qed torganizza l-korsijiet tal-beginers gewwa s-sala tal-klabb tal-bocci. Is-Sindku spjega li t-TCTC u l-club tal-bocci ma waslux fi ftehim sabiex titkompla tintuza din is-sala u konsegwenza ta' dan il-korsijiet gew imcaqalqa ghal Hal Qormi ghad-detriment tar-residenti. Is-Sindku spjega li kellu offerta minghand it-TCTC biex isiru l-korsijiet tal-ETFAL b' xejn fil-lokalita. Is-Segretarju spjega li r-residenti xorta kellhom ihallsu tan-noti ghal dawn il-korsijiet.

3.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Vici Sindku Duncan Bartolo u l-kunsillier Leli Agius jippreparaw proposta dwar korsijiet tal-kompjuter fil-lokalita.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2.1. Il-Kunsillier George Cortis tkellem fuq l-avveniment tan-Nightfest u qal li din is-sena din l-attivita rnexxiet b' mod hafna ahjar mis-snin ta' qabel u kienet xhieda li jekk wiehed joqghod attent ghall-budget, wiehed xorta jista jaghmel attivitajiet tajbin hafna, liema attivitajiet huma mfittxin hafna mill-poplu. Il-Kunsillier Cortis kompla jghid li l-istabilimenti kummercjali kollha marru tajjeb hafna u hadd ma seta' jgerger ghax kollox kien imqassam tajjeb hafna. Il-Kunsillier George Cortis qal prosit lil kull min kien involut. Il-Kunsillier Dominic Cutajar irringrazzja lill-kunsillier Cortis ghal kliemu.

4.2.2. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien qieghed jahdem fuq rapport dwar l-infieq fuq attivitajiet kulturali li kienu saru matul is-sena u s-somma tal-infieq kienet ta' €27,000 bejn wiehed u iehor, izda rapport aktar komplut jigi prezentat aktar il-quddiem.

4.2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li gie avvicinat mill-uniku rahhal fil-lokalita li gibidlu l-attenzjoni li l-moghoz kollha kienu b' widnejhom maqtughin li jista jfisser li kienu misruqin u ghalkemm ma dan ma jfissirx bilfors hekk, huwa xtaq jigbed l-attenzjoni dwar dan. Il-Kunsillier Ciantar talab li jkun jaf min kien resposnabli mill-moghoz. Is-Sindku wiegeb li s-suq medjevali ttella' mis-sur Pawlu Azzopardi.

4.2.4. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li kien jaf il-persuna li kienet armata bl-annimali u dan kien persuna tal-affari taghha.

4.2.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-attivita giet organizzata tajjeb izda fl-opinjoni tieghu l-prezz ghas-suq medjevali huwa wiehed gholi meta tqis li whud mill-artigjani thallew ibieghu l-prodotti taghhom minghajru ma hallsu l-ebda flus ghall-permess.

4.2.6. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-kunsill jixtri s-servizz tas-suq medjevali minghand Pawlu Azzopardi u mbaghad jkun hu li jiehu hsieb isib l-artigjani u l-kunsill ma jidholx fil-fatt li dawn ibieghu jew le. Is-Sindku spjega wkoll li l-arceri kienu rigal tas-Sindku ta' Enna.

4.2.7. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li huwa kien se jastjeni milli jiehu vot fuq il-pagament ta' Pawlu Azzopardi minhabba li qieghed jara l-ammont gholi meta jqis li l-artigjani thallew ibieghu l-prodotti taghhom.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati. (118)

## 5. UPDATE MIGJA TAL-URNA TA' SAN FILEP

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li issa kien hemm il-konferma ufficjali li l-Urna ta' San Filep ha tingieb mill-kunsill gewwa Haz-Zebbug ghall-festa. Is-Sindku spjega li ma kien process twil u difficli u li nqalghu diversi ntoppi izda l-Kunsil kien kapaci jsolvi dawn il-problemi kollha. Is-Sindku kompla jghid li ma kienx bizzejjed li l-Arcisqof Pawlu Cremona jikteb lill-Isqof ta' Nicosia, izda riedu jingiebu l-permessi tal-Vatikan u s-Sopraintendenza tal-Beni Culturali ta' Sqallija, minhabba l-fatt li din l-Urna kienet patrimonju nazzjonali.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ha jintbaghtu zewg vetturi ghall-Urna, wahda minnhom provduta b' xejn mill-White Bros sabiex jingarru l-affarijiet tal-urna u vettura ohra sabiex igorr lill-Arcipriet ta' Agira u d-delegazzjoni tieghu li maghhom ha jnizzlu l-Urna tal-Fidda. Is-Sindku spjega li d-delegazzjoni tal-Kunsill se tkun maghmula mill-Events Co-ordinator, Dr. Massimo Ellul, l-Project Manager, s-Sur Philip Gatt u s-Sur Philip Grech.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien ghadu qieghed jistenna risposta minghand is-Sindku ta' Agira biex ikun jaf kif ha tkun komposta d-delegazjoni tal-Comune. Is-Sindku spjega li l-Kunsill se jiffinanzja l-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni tal-Comune u tad-delegazzjoni tal-Assocjazzjoni San Filippo li tiehu hsieb l-urna flimkien mal-Arcipriet sabiex jirreciproka dak li ghamlu mal-Kunsill meta zar Agira. Id-delegazzjoni tal-Assocjazzjoni ta' San Filippo flimkien mal-Arcipriet se joqghodu Haz-Zebbug f' xi flats tal-ex kunsillier Rosario Cortis, fliwaqt li s-Sindku ta' Agira se jitqieghed f' xi lukanda. Is-Sindku qal li ha jkun hemm grupp ta' pellegrini wkoll li se jkunu stazzjonati f' lukanda gewwa Bugibba.

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera bil-programm tal-Urna u kkummenta li hija x-xewqa tieghu li jgawdu l-urna l-ikbar ammont ta' Zebbugin possibli. Is-Sindku spjega wkoll li f' laqgha li saret mal-ispettur, l-arcipriet u l-kazini, gie specifikat li din l-attivita hija kollha kemm hi tal-kunsill u l-ebda kazin m' ghandu jipprova jaghmilha tieghu.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghaddejjin tahdidiet mal-Arcipriet sabiex issir plakka kommemorattiva tal-okkazjoni u se jsir kxif ta' din il-plakka il-Gimgha 10 ta' Gunju fit-8.30pm u wara jkun hemm riceviment tal-okkazjoni.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Arcipriet hareg avvizi ghal min hu nteressat jerfa' l-urna izda s-Sindku specifika li l-process kollu se jkun taht is-supervizjoni tal-Assocjazzjoni ta' San Filippo.

5.7. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li waqt il-purcissjoni tal-Hadd il-kunsilliera huma mistiedna jakkumpanjaw l-Urna.

## 6. UPDATE PPP

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li minhabba x-xoghol extra tal-WSC fuq it-toroq tal-PPP il-Kunsill talab gwida lis-Segretarjat tal-Onor Said sabiex jiccekja jistax dan ix-xoghol jinghata direttament lill-kuntrattur li se jkun qieghed jaghmel it-triq. Is-Sindku spjega li ghandu dokumenti minghand is-Segretarjat li qalulu li jista jaghmel dan u ghalhekk kienet ghaddejha hidma mal-avukat tal-kunsill sabiex jigi preparat kuntratt ghal dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega wkoll li mis-Segretarjat qalulu li ha tinghata ghajnuna finanzjarja addizjonali sabiex jigu finanzjati 30% tal-ispiza tax-xogholijiet tal-WSC.

## 7. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

7.1. Il-Kunsillier George Cortis talab li fejn jidhlu permessi ghall-imwejjed f' attivitajiet jkun hemm deadline sa meta jistghu jaghmlu l-permess. Is-Segretarju spjega li din il-procedura ntuzat fin-Nightfest fejn intbaghatet ittra lil kull stabiliment kummercjali fil-pjazza.

7.2. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni li kien hemm hafna hofor fi triq Wied is-Sewda u hafna haxix ukoll. Il-project manager gibed l-attenzjoni li mar fuq l-ilment li semma l-kunsillier Cortis u qal li sab hafna hofor izda haxix le.

7.3. Il-Kunsillier Cortis ressaq suggeriment lill-kunsill sabiex isir kuntatt mal-kumpanija Arriva sabiex fit-tmiem il-gimgha jkun hemm servizz ta' transport publiku dirett ghal Bugibba. Is-Sindku wiegeb li Haz-Zebbug bir-rotot il-godda se jkollu servizz li jghaqqad Haz-Zebbug mar-Rabat u minn hemm jezisti servizz ta' diretta ghal Bugibba.

7.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar irringrazzja lill-Kunsill tax-xewqat li rcieva wara l-operazzjoni li ghamel.

7.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li ghal harga li ghamel attendew 28 ruh ghalkemm kienet ix-xita u gibed l-attenzjoni li z-zjara ghat-tunnara giet b' xejn u kienu thallew xi tips u donazzjoni zghira, Is-Segretarju gibed l-attenzjoni li ghal kull flus li jintefqu l-kunsilliera jridu joqghodu attenti li jipprovdu ircevuta fiskali.

7.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk saritx xi tombla fil-harga li saret ghall-Ghawdex mill-kumitat tal-kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Il-Kunsilliera Vassallo La Rosa wiegbet li t-tombla li saret ma kienitx organizzat mill-Kunsill.

7.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar irraporta hofra fi Triq Icilio Calleja u bozza maqtugha fi Triq Santu Rokku.

7.8. Il-Kunsillier Joe Ciantar irrigrazzja lis-Sindku talli ghogbu jirriferi ghalih bhala l-mentor tieghu waqt is-seminar tal-EFUS.

7.9. Il-Kunsillier Emanuel Agius gibed l-attenzjoni ghal xoghol li kien qieghed isir mill-kumpanija GO fi Triq il-Kbira hdejn il-Kazin San Filep.

7.10. Il-Kunsillier Dominic Cutajar gibed l-attenzjoni tal-kunsill sabiex tinghata lista tal-permessi tal-festa lill-kunsilliera kollha halli kull kunsillier ikun responsabli li jigbed l-attenzjoni ghal min ikun armat minghajr permess u talab li ssir enfazi anke mal-pulizija dwar il-kejl tal-gabbani u l-permessi.

7.11. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li huwa kien awtorizza xi xoghol ta' refurbishment fi Gnien l-Infetti liema xoghol kien maqsum fuq zewg fazijiet.

7.12. Is-Sindku Alfred Grixti gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar nuqqas ta' rispett tal-protokol mill-Arcipriet waqat l-oratorju li sar mit-12th May gewwa l-knisja. Is-Sindku spjega li huwa tassew dizappuntat b' dan u sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur huwa ghazel li jibghat kopja tal-protokol lill-kazini u lill-arcipriet.

## 8. AGGORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 7 ta' Lulju fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.40pm.